MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Numru. 1060/2012

Il-Pulizija
(Sp Carlos Cordina u Sp Joseph Busuttil)
vs
Aaron Ritchie, iben Edgar, imwieled l-Ingilterra fis-17 ta' Frar, 1984, karta ta' l-identita numru 077000L

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f'diversi bbnadi f'dawn il-Gżejjer bejn il-25 ta' Frar, 2012 u is-7 ta' Ġunju, 2012, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:

1. f'San Pawl il-Baħar fil-25 ta' frar, 2012 għal ħabta tas-7.30 p.m., ikkometta serq minn ġo residenza ta' diversi oġġetti, 'cordless telephone set' ta' għamlamhux magħrufa, 'hversack' ta' għamla 'Nike' u ammont mhux magħruf ta' deheb, liema serq jeċċedi l-€2,390.24 u

għalhekk ikkwalifkat bil-valur, bil-mezz, bil-ħin u bil-lok li sar għad-dannu ta' Jonathan Dean Thomas;
2. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament ħassar għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara teċċedi l-€116.47 fuq bieb ta' residenza għad-dannu ta' Jonathan Dean Thomas;
3. fi Swieqi fl-24 ta' Marzu, 2012 għal ħabta tat-3.00 p.m., ikkometta serq minn ġo residenza ta' diversi oġġetti, tlett 'laptops' ta' għamla mhux magħrufa u ammont ta' deheb mhux magħruf liema serq jeċċedi l-€2,390.24 u għalhekk ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz u bil-lok li sar għad-dannu ta' Sara Jenny Sjoden u ta' Diana Dybkaer;
4. ġewwa l-Mellieħa, fil-11 ta' Mejju, 2012 għal ħabta tat-3.00 p.m. ikkometta serq minn ġo residenza ta' diversi oġġetti, żewġ 'laptops' tal-għamla 'Acer', b'valur ta' €2,050, sitt mitt euro flus kontanti, apparat fotografiku tal-għamla 'Canon' tal-valur ta' €400, seba' arloġġi ta' ditti varji u cioe' 'D & G', 'Cavalli', 'Michael Cors' u 'Breil' ta' valur mhux magħruf u ammont ta' deheb mhux magħruf, liema serq jeċċedi l-€2,390.24 u għalhekk kwalifikat bil-valur, bil-mezz u bil-lok li sar għad-dannu ta' Christopher Borg u għad-dannu ta' Donna Micallef;
5. ġewwa s-Swieqi, fit-18 ta' Mejju, 2012 għal ħabta tas-1.30 p.m. ikkometta serq minn ġo residenza ta' diversi oġġetti, Ipod tal-valur ta' €200, apparat telefoniku tal-għamla 'Nokia' tal-valur ta' €200, 'laptop' tal-għamla 'Sony' tal-valur ta' €800, apparat elettroniku tal-għamla mhux magħrufa tal-valur ta' €100, apparat telefoniku tal-għamla 'Sony' tal-valur ta' €400, Ipad iswed tal-valur ta' €800, apparat elettroniku tal-għamla 'Nintendo' tal-valur ta' €390 u ammont mhux magħruf ta' deheb, liema serq jeċċedi l-€2,390.24 u għalhekk ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz u bil-lok li sar għad-dannu ta' Michele Bartoli u għad-dannu ta' Natalia Torzhenskaya;
6. ġewwa s-Swieqi, fl-20 ta' Mejju, 2012 għal ħabta tal-5.00 p.m., ikkometta serq minn ġo residenza ta' diversi oġġetti, 'Ipod' iswed li jiswa €150 u 150 sterlina flus kontanti, liema serq ma jeċċedix €2,390.24 u għalhekk ikkwalifkat bil-mezz u bil-lok li sar għad-dannu ta' Richard T. Lee;

7. ġewwa l-Mellieħa fit-3 ta' Ġunju, 2012 għal ħabta tal-11.00 a.m., ikkometta serq minn ġo residenza ta' diversi oġġetti, €5,000 fi flus kontanti u kwantita ta' deheb li l-valur tiegħu jeċċedi is-€7,000, liema serq jeċċedi €2,390.24 u għalhekk ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz u bil-lok u li sar għad-dannu ta'Edward Vella;
8. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara teċċedi s-somma ta' €116.47 fuq bieb ta' residenza għad-dannu ta' Edward Vella;
9. ġewwa s-Siġġiewi, fit-2 ta' Settembru, 2012, għal ħabta tal-11.00 p.m., ikkkometta serq minn ġo residenza ta' divesi oġġetti, apparat televiziv iswed tal-għamla LG tal-valur ta' €400, apparat elettroniku DVD tal-għamla LG tal-valur ta' €120 u kwantita ta' deheb li l-valur tiegħu jeċċedi l-€360, liema serq ma jeċċedix l-€2,390.24 u għalhekk ikkwalifkat bil-mezz u bil-lok u li sar għad-dannu ta' Marica Bonello;
10. mill-bajja f'tas-Sliema li tinsab fi Triq it-Torri, sliema, fis-7 ta' Ġunju, 2012 għal ħabta tat-3.30 p.m. ikkometta serq ta' handbag li kien fih'mobile phone' tal-għamla 'Samsung' tal-valur ta' €39, kartiera li tiswa €10, nuċċali tal-vista li jiswa €180 u €35 fi flus kontanti liema serq hu kkwalifikat bil-lok għad-dannu ta' Berttram Mallia;
11. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
12. kiser il-provvedimenti tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta għa perjodu ta' tlett snin b'sentenzi tat-23 ta' Ġunju, 2011, tat-3 ta' Mejju, 2012 u tat-18 ta' Ġunju, 2012;
13. irrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti li saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstnat, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkuża numru ħdax (11) miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża.  Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha.  Rat l-artikoli 18, 49, 50, 261(b)(ċ)(e)(f), 263(a), 265, 266(1), 267, 269(g), 270, 278(1)(2)(3) u 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta u tikkundannah għal piena ta’ ħames (5) snin priġunerija.  Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma tqabbdu ebda esperti fil-proċeduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------